# MINN HEMM U MIN HAWN

Qiegħed nikteb dan l-artilu nhar it-Tnejn 6 ta' Jannar 2003 it-Tre Re. Illum f'Malta qiegħed isir il-funeral ta' Patri Ġwann Frendo, ħabib ta' ħafna. Il-ħsibijiet u t-talb tiegħi bħalissa huma ma' Patri Ġorġ u l-familja Frendo kif ukoll ma' dawk kollha f'Malta u l-Albanija li bħali għandhom qalbhom maqsuma b'din il-mewt iżda li nafu li Patri Ġwann issa jidħol għalina mis-sema: il-ħbiberija ma' tispiċċax mal-mewt.

Minn fejn qiegħed nikteb nista' nħares barra t-tieqi u nara l-ġnien u t-triq u s-soqfa miksijin silġ. Le ma kellniex silġ nhar il-Milied iżda wasal bis-sħiħ għal Epifanija. Dal-lejl is-silġ iffriża u għalhekk in-nies mexjin bil-mod u attenti, ħafna anzjani jiddaħlu l-isptar bi ksur f'dawn il-jiem. Hekk kif qed nara b'għajnejja din ix-xena xitwija, moħħi qed jittajjar lejn il-ġranet sħan ta' San Duminku. Bħalissa diffiċli temmen li tista tkun daqshekk sħana iżda meta tkun il-ġimgħa ta' San Duminku diffiċli temmen li tista tkun daqshekk kesħa. Qiegħed naħseb fil-ġimgħa ta' San Duminku il-għaliex meta flimkien ma' Claudia u t-tfal kont qiegħed hemm għall-festa tas-sena 2002, il-ħabib tiegħi Joe Zammit talabni nerġa nikteb artiklu għall-programm tal-festa. Ħadt pjaċir bl-istedina u hawn hu l-artiklu.

Dan ix-xahar nagħlqu sitt snin li tlaqna minn Malta biex ġejna fir-Renju Unit. Xi żewġt isjuf qabel il-Pirjol u l-komunità tal-Belt kienu tant ġentili li tawni permezz nagħmel riċerka fl-arkivju. L-għan ewlieni kien li nistħarreġ dwar il-liċenzji li kienu jingħataw lil għalliema bejn l-1530 u l-1798 minħabba li fil-kunvent tal-Belt kien hemm il-kulleġġ ta' Santa Maria tal-Portu Salvu, imwaqqaf fl-1613 u mill-1729 il-quddiem kellu l-fakultà li jagħti Dottorat fit-Teoloġija. Waqt li kont qed infittex dan bla dubju ltqajt ma' bosta affarijiet interessanti, speċjalment minħabba li għandi ħafna għal qalbi l-knisja ta' San Duminku u l-komunità li ħadmet hemm għal 434 sena. Din is-sena ser naqsam magħkom xi ftit mill-fatti li sibt.

Fl-1 ta' Jannar 1657 ittellgħu fil-kampnar il-ġdid tal-Knisja ta' San Duminku il-qniepen. Il-kbira kienet iġġib id-data ta' 1621, il-fustanija 1525 u ż-żgħira 1576. Ma dawn ittellgħu żewġ qniepen żgħar għall-arloġġ waħda biex iddoqq is-sigħat u l-oħra għall-kwarti.

Fl-1676 il-gżejjer Maltin inħakmu mill-Pesta. L-ewwel każ kien reġistrat fit-23 ta' Diċembru 1675 meta ċertu Mattew Bonnici u l-familja tiegħu (mill-Belt?) mietu f'ġurnata waħda. It-tobba ħasbu li mietu bid-deni, iżda f'Jannar irrealizzaw li din kienet il-Pesta. Il-flaġell tal-Pesta waqaf f'Lulju 1676. F'din il-pesta b'kollox mietu 11,300 ruħ. Il-Patrijiet dumnikani tal-Belt urew kuraġġ kbir meta assistew fiż-żewġ parroċċi tal-Belt. Fost il-patrijiet li mietu nsibu lill-Pirjol Patri Dumink ta' San Tumas magħruf bħala l-Ottoman, kellu 34 sena; Patri Ġakbu Bizzula, Predikatur Ġenerali u Patri Dumink Mamo. Patri Anġlu Maria Balzan ħadem ħafna iżda fortunatament baqa ħaj biex jirrakonta l-istorja.

Fl-1766 is-Sur Mattew Gatt ħallas għal standard ġdid għal fratellanza ta' San Vinċenz.

L-1816 kienet sena li rat bosta opri ġodda jiżżanżnu fil-Bażilika l-ġdida. Fl-24 ta' Lulju 1816 tħallas il-ħaddied Antonio Pace għall-ħadid ta' l-umbrellun tal-Bażilika, id-drapp ta' l-umbrellun sar Ruma u sewa 500 skud, tħallsu wkoll 9 oncie għall-parrokka. L-istess sena rat jiżżanżnu sett appostli ġodda u t-tron ta' l-Isqof, dawn ta' l-aħħar fix-xahar ta' Awissu. F'Ottubru ta' l-istess sena sar pulptu tal-kewkba maħdum minn Mastru Ġann Azzopardi li ngħata bħala rigal mis-Sur Agostino Portelli. Dan sewa 328 oncie. Fis-7 ta' Diċembru tħallas il-baldakkin vjola (sic) bi tmien lasti li sewa 185 skud u apparat tal-brukkat li sew 87 oncie.

Fis-26 ta' Marzu 1817 tħallsu 5 oncie għall-muzzetti ġodda tal-Patrijiet.

Fl-1852, Marija Ġulja Bowden ħallset sett Karti tal-glorja tal-fidda għall-artal ta' San Vincenż Ferrer.

Fid-29 ta' Awissu 1877 sar il-kuntratt għad-damask tal-knisja li żżanżan fl-1878.

Sitta u disgħin sena ilu l-festi ta' San Duminku kienu speċjali, l-1934 kien is-VII ċentinarju mill-Kanonizzazzjoni tal-Patrijarka San Duminku (Nota: Ħafna minna niftakru l-1984 meta fakkarna is-750 mill-kanonizzazzjoni u għal okkażjoni kellna posters kbar bil-kulur tal-qabar ta' San Duminku, tiftakru?) Il-31 ta' Lulju 1935 kien l-ewwel jum tat-Tridu u dak in-nhar, minflok f'lejlet il-festa, nżammet Transulazzjoni Solenni bir-relikwija ta' Missierna San Duminku mill-Provinċjal Patri Gejt Xerri O.P. F'jum il-festa il-paniġierku kien sar minn Patri Ġużepp Spiteri O.P. Għal din is-sena l-kumitat tal-festa kien magħmul minn dawn li ġejjin:
minn din ix-xmara ta' nies ġenerużi li



Il-Knisja tal-Porto Salvu armata bid-damask



Il-Pulptu tal-kewba, maħdum minn mastru Gann Azoppardi

President Patri Pietru Bajjada, Pirjol
Teżorier Patri Franġisk Borg
Segretarju Sur Injazju Bonavia
Membri Ir-Reverendi Patrijiet: Rużar Spiteri, Mikiel Xuereb, Raymond Formoza, Pawl Bugeja u Fra Beneditt Cachia.
Is-Sinjuri: Alfred Seychell, John Ciancio, Pawlu Pace, Carmelo Buttigieg, Antonio Borg, Duminku Pantalleresco, Duminku Lewis, Duminku Camenzuli, Duminku Briffa, Ġużeppi Cuschieri, Ġorġ Lewis, Karmenu Muscat, Vincenz Muscat u Giovanni Muscat.

Fit-13 ta' Ġunju 1968 tlesta t-tabernaklu bil-ħaġar prezzjuż xogħol ta' Pirotta tan-Naxxar, dan sar bħala tifkira ta' l-ewwel konċelebrazzjoni li saret fil-knisja. L-ispejjeż tħallsu bid-donazzjonijiet ta' bosta nies. Fl-istess ġurnata tlesta l-ambone tal-ġewż maħdum minn Indri Cortis tal-Ħamrun fuq disinn tas-Sur Tonna tar-Rabat. Dawn iż-żewġ opri saru fuq inizjattiva ta' Patri Filipp Mallia O.P. L-Arċisqof Gonzi ġie sal-knisja sabiex jara l-ambone, innovazzjoni tal-Konċilju Vatikan II, u ammirah tassew. Fl-4 ta' Lulju ta' l-istess sena iżżanżnu l-forċini tal-bronz arġentat għall-vara tal-Patrijarka San Duminku.

Daqstant fatti għal din is-sena. Kif taraw matul is-snin kienu ħafna dawk in-nies li ddedikaw il-ħin tagħhom għall-knisja ta' San Duminku u għall-missjoni li taqdi kemm spiritwalment u kif ukoll soċjalment bħal fil-każ tal-festa. Il-ġenerazzjoni tal-lum hija parti oħra min din ix-xmara ta' nies għandhom





Sett karti tal-Glorja fuq l-artal ta' San Vinċenz Ferrer.

għal qalbhom il-missjoni u l-persuna ta' San Duminku. F'jum il-festa niftakru f'dawk ta' qabilna, il-velu li jisseparana mix-xirka tal-qaddisin jinfetaħ beraħ waqt l-Ewkaristija! F'dak il-ħin nitolbuhom jitolbu għalina li għadna hawn u kif ukoll biex il-Mulej jibgħat nies ġenerużi ħalli jkomplu din il-ħidma għal li ġej.

Nixtiqilkom festa sabiħa.

**Ivan D. Aquilina**
**Jarrow - U.K.**